



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

26.3.2013

B7-0000/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsijiet għal tweġiba orali B7-0000/2013

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

Ir-rikostruzzjoni u d-demokratizzazzjoni ta' Mali
(2013/0000(RSP))

Eva Joly

f'isem il-Kumitat għall-Iżvilupp

Elmar Brok

f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

RE\931446MT.doc

PE508.034v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

B7-0000/2013

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rikostruzzjoni u d-demokratizzazzjoni ta' Mali
(2013/0000(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-20 ta' April 2012 dwar is-sitwazzjoni f'Mali u tal-14 ta' Ġunju 2012 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà fir-reġjun tas-Saħel,
 - wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea (UE) għas-Sigurtà u l-Iżvilupp fis-Saħel, adottat f'Marzu 2011,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 2056 (2012) u 2071 (2012) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) dwar is-sitwazzjoni f'Mali,
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2085 (2012) tal-KSNU li tawtorizza l-iskjerament ta' Missjoni Internazzjonali ta' Appoġġ għal Mali taħt tmexxija Afrikana (AFISMA),
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE dwar is-Saħel tat-23 ta' Marzu 2012 li approvaw il-Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi għal missjoni ta' PSDK ċivili ta' Konsultazzjoni, Għajjnuna u Taħriġ fis-Saħel,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-UE tal-31 ta' Jannar 2013 u tat-18 ta' Frar 2013 dwar Mali,
 - wara li kkunsidra l-pjan direzzjonali ta' Mali għat-tranżizzjoni li ġie approvat b'mod unanimu mill-Assemblea Nazzjonali tiegħu fl-20 ta' Jannar 2013,
 - wara li kkunsidra l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-effetti tal-kolp ta' stat militari li seħħ f'Mali f'Marzu 2012 u l-kunflitt armat li segwa fit-Tramuntana tal-pajjiż qed jinħassu lil hinn ferm minn Mali u s-subreġjun anke fl-Afrika u fl-Ewropa;
- B. billi ġie approvat il-pjan direzzjonali għat-tranżizzjoni mill-awtoritajiet ta' Mali u twaqqfet il-Kummissjoni għad-Djalogu u r-Rikonċiljazzjoni li għadha kif ġiet stabbilita; billi l-UE, flimkien mal-awtoritajiet tranżitorji u l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali l-oħrajn, bdiet taħdem fuq il-pjan direzzjonali biex ikun hemm paċi dejjiema;
- C. billi d-donaturi wiegħdu EUR 337,2 miljun fil-konferenza tad-donaturi organizzata mill-Unjoni Afrikana (UE) fid-29 ta' Jannar 2013 f'Addis Ababa, inklużi EUR 50 miljun mill-

UE għall-AFISMA u EUR 20 miljun addizzjonali taħt l-Istrument għall-Istabilità, għall-forniment ta' appoġġ immedjat għas-servizzi għall-infurzar tal-liġi u l-ġustizzja, l-awtoritajiet lokali u d-djalogu u r-rikonċiljazzjoni ta' Mali, kif ukoll l-ewwel fażijiet tal-proċess elettorali li ġejja;

- D. billi l-Kummissjoni ħabbret li gradwalment għandha terġa' tibda tingħata għajnuna għall-iżvilupp ta' somma ta' EUR 250 miljun għall-appoġġ ta' oqsma bħar-rikonċiljazzjoni u l-prevenzjoni ta' konflitti, appoġġ għall-proċess elettorali, forniment ta' servizzi bażiċi, inklużi s-saħħa, l-aċċess għall-ilma u servizzi sanitarji, kif ukoll għat-tiġħ tas-sigurtà alimentari u għat-tnedija mill-ġdid tal-ekonomija;
 - E. billi l-operazzjoni militari Franċiża "Serval", li tnediet fil-11 ta' Jannar 2013 bħala reazzjoni għall-attakk tar-ribelli u bħala appoġġ għall-armata ta' Mali, irnexxielha terġa' tiegħu lura ħafna bliet u nħawi tat-Tramuntana li kienu tteħdu mir-ribelli, u billi l-gvern Franċiż indika li t-truppi Franċiżi kienu se jtilqu minn Mali qabel April 2013;
 - F. billi l-Missjoni Internazzjonali ta' Appoġġ għal Mali taħt tmexxija Afrikana (AFISMA), awtorizzata min-NU, diġà għandha 4 200 truppa fil-pajjiż u se tingħata l-kompitu li tiżgura l-istabilità fit-tul ta' Mali ta' Fuq flimkien mat-truppi ta' Mali wara li jiġu rtirati t-truppi Franċiżi;
 - G. billi s-sitwazzjoni tas-sigurtà f'Mali marret għall-aħjar minn mindu twettaq l-intervent Franċiż, iżda tibqa' waħda fraġli u r-riskju li l-affarijiet jerġgħu lura għal li kienu għadu m'għaddiex; billi t-taqbida kontra r-ribelli fil-muntanji tat-Tramuntana għadha għaddejjja;
 - H. billi bidla inkostituzzjonali tal-gvern hi ostaklu ewlieni għall-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp; billi l-Artikolu 25 tal-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza jistipula li l-individwi li jkunu wettqu din il-bidla m'għandhomx jitħallew jieħdu sehem fl-elezzjonijiet li jsiru biex jitreggħa' lura l-ordni demokratiku jew jokkupaw kwalunkwe kariga ta' responsabilità fl-istituzzjonijiet politiċi tal-Istat tagħhom;
 - I. billi hemm bżonnijiet umanitarji massivi f'Mali, fejn kien hemm mument meta l-ammont ta' nies li kellhom bżonn ta' assistenza alimentari kien jersaq lejn il-miljun, inklużi 167 000 rifuġjat fil-pajjiżi ġirien u 227 000 persuna spustjati internament; billi hemm bżonn ta' strateġija ta' ritorn integrata;
1. Jisħaq fuq l-impenn tiegħu favur is-sovranità, l-unità u l-integrità territorjali ta' Mali; jilqa' pożittivament l-intervent Franċiż għall-appoġġ ta' dawn il-prinċipji;
 2. Jenfasizza l-importanza ta' djalogu nazzjonali inklużiv u tal-proċess ta' rikonċiljazzjoni biex tinstab soluzzjoni politika ġenwina u demokratika għall-kriżi rikorrenti tal-pajjiż; jilqa' f'dan il-kuntest it-twaqqif tal-Kummissjoni għad-Djalogu u r-Rikonċiljazzjoni;
 3. Iħeġġeġ biex dan il-pjan direzzjonali jiġi implimentat malajr sabiex tiġi sostnuta t-tranżizzjoni saż-żmien meta jerġa' jiġi stabbilit l-ordni kostituzzjonali fil-pajjiżi kollu permezz tal-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet liberi u trasparenti fl-2013;

4. Jinsisti li hemm bżonn li s-soluzzjonijiet politiċi għall-bini mill-ġdid ta' Mali jiġu akkumpanjati bi strateġija ċara ta' żvilupp ekonomiku sostenibbli li tkun tindirizza l-problema tal-qgħad b'mod li jittejjeb l-għajxien tal-popolazzjoni, u jisħaq fuq il-fatt li, għall-istabilità tal-pajjiż, hu essenzjali li jerġgħu jibdew jiġu forniti s-servizzi bażiċi bħas-saħħa, l-edukazzjoni, l-ilma u s-servizzi sanitarji;
5. Jistieden lill-gvernijiet tal-Afrika tal-Punent jiġġieldu l-proliferazzjoni tal-armi u t-traffikar tad-drogi billi jpoġġu l-iżvilupp ibbilanċat u sostenibbli fil-qalba tal-politika għall-iżvilupp tagħhom biex jipprovdu servizzi pubbliċi lill-popolazzjoni b'mod ġenerali u impjiegi għaż-żgħażagħ b'mod partikolari;
6. Jisħaq fuq il-fatt li s-sigurtà u l-iżvilupp fis-Saħel iqawwu lil xulxin b'mod reċiproku; jilqa' l-intervent inizjali minn Franza li tqawwa mill-Missjoni tal-UE għat-Taħriġ (EUTM) Mali u l-AFISMA sabiex forzi ta' destabilizzazzjoni u ta' kontropożizzjoni ulterjuri jitwaqqfu milli joperaw; ifakkar li l-istabilità, is-sigurtà u l-integrità territorjali tal-pajjiż fuq żmien twil ma jirrikjedux biss li jingħelbu l-estremisti radikali vjolenti u t-traffikanti tal-armi, tad-droga u tal-bnedmin iżda anke l-promozzjoni ta' alternattivi għall-attivitajiet illegali tal-imfaqra u taż-żgħażagħ qiegħda;
7. Jappella għall-intensifikazzjoni tar-riforma tal-forzi armati u s-servizzi ta' sigurtà fuq livell aktar estensiv taħt kontroll demokratiku u ċivili sabiex tiġi żgurata l-istabilità u tissaħħaħ il-fiduċja fir-rwol tas-settur ta' sigurtà li jikkontribwixxi għal paċi u demokrazija dejjiema fil-pajjiż;
8. Iħeġġeġ lill-UA u lill-ECOWAS iħaffu l-iskjerament tal-AFISMA; jistieden lin-Nazzjonijiet Uniti teżamina l-modi kif tista' tissaħħaħ l-AFISMA anke permezz ta' approċċ integrat u l-forniment tal-mezzi organizzattivi u finanzjarji xierqa; jappella biex tiġi eżaminata l-possibilità li l-AFISMA tiġi ttrasformata fforza tan-NU għaż-żamma tal-paċi bil-mandat li ssawwar il-paċi sabiex il-pajjiż jiġi stabilizzat;
9. Jilqa' pożittivament it-tnedija tal-EUTM Mali fit-18 ta' Frar 2013 u l-mandat tagħha li tappoġġa r-riforma tal-forzi armati ta' Mali taħt kontroll ċivili demokratiku; jinnota wkoll li għandha komponent b'saħħtu ta' taħriġ rigward id-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni ta' ċivili u d-dritt umanitarju internazzjonali; ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jingħata appoġġ għall-gvern ta' Mali biex jiżgura li jista' jżomm l-integrità territorjali tiegħu fuq żmien itwal, li jinkludi l-mezzi biex jiġi indirizzat it-theddid asimetriku kruċjali li jirrappreżentaw il-gruppi Islamisti radikali, kif ukoll it-traffikanti ta' bnedmin, ta' merkanzija u ta' armi;
10. Jikkundanna l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jappella biex min iwettqu jinżamm responsabbli; jilqa' d-deċiżjoni li ħadet il-Qorti Kriminali Internazzjonali biex tiftaħ inkjesta u jappella lill-awtoritajiet ta' Mali biex jikkooperaw; jappoġġa l-intenzjoni li jiġu skjerati osservaturi tad-drittijiet tal-bniedem ċivili biex jiġbru l-provi;
11. Jappella biex titkompla tingħata l-għajnuna umanitarja għall-popolazzjonijiet fil-bżonn u biex jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat ir-ritorn liberu u volontarju tar-rifuġjati;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-gvernijiet u l-parlament tal-Istati Membri, lill-Gvern u l-Assemblea Nazzjonali ta' Mali, lill-Unjoni Afrikana, lill-ECOWAS, lill-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti tad-Drittijiet tal-Bniedem.